TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 177/21/F

**Bryan u Antoinette Mallia**

*vs*

**Magri Bathrooms Ltd.**

Illum, 2 ta' Ottubru, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-11 ta' Ottubru 2021;

Ra r-Risposta ippreżentata mill-azjenda intimata fis-17 ta' Marzu 2022;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti mir-Rikorrenti;

Ra li fis-seduta tat-3 ta' April 2023 it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li jiġu rifużi s-somma ta' €1,575.41 rappreżentanti il-prezz ta' madum Arctic Imperial White Polished 60x60 li huma ordnaw mingħand l-azjenda intimata kif ukoll il-valur tal-kolla li ntużat sabiex twaħħal dan il-madum. Ir-Rikorrenti jilmentaw li l-madum huwa difettuż fis-sens li huwa imqammar (mhux dritt) u għandu l-*glazing* inferjuri tant li jiċċaqqam mal-anqas okkażjoni.

Illi mill-banda l-oħra, in suċċint, fir-Risposta ppreżentata minnha, l-azjenda intimata issostni li t-Talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u tiċħad li l-madum in kwistjoni huwa b'xi mod difettuż. Tgħid li huwa stramb kif ir-Rikorrenti xortawaħda iddeċidew li jwaħħlu dan il-madum u issa qed jitlobu li jingħataw mhux biss il-flus lura iżda ankè il-valur tal-kolla li intużat biex jitwaħħal il-madum.

Illi r-Rikorrenta t-tnejn ikkonfermaw il-verżjoni tagħhom bil-ġurament. Mill-banda l-oħra, l-azjenda intimata ma ressqitx provi f'dawn il-proċeduri.

Illi t-Tribunal eżamina r-ritratti eżebiti mir-Rikorrenti li juru kif il-madum in kwistjoni huwa imqammar u li hemm diversi madumiet li huma mċaqqmin f'diversi bnadi. A bażi ta' dawn il-provi, u l-fatt li l-azjenda intimata ma kkontradietx il-verżjoni tar-Rikorrenti, it-Tribunal ma jsib l-ebda diffikultà li jabbraċċja t-teżi tar-Rikorrenti li l-madum in kwistjoni huwa difettuż u għalhekk, mhux konformi ma dak li l-Konsumatur għandu raġjonevolment jistenna.

Illi mill-banda l-oħra, madankollu, it-Tribunal ma jistax ma jinnotax ċertu inkonsistenza kif ir-Rikorrenti qed jgħidu li jridu jiġu rifużi l-valur kollu tal-madum kif ukoll tal-materjal li ntuża biex dan jitwaħħal u fl-istess nifs jgħidu ukoll li jridu jżommu l-madum għax "f'dan l-istadju il-madum kollu huwa mwaħħal u m'huwiex tenibbli li jinqala' u jsir ieħor mill-ġdid".

Illi f'din iċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jifhem li l-azzjoni odjerna ma tistax tiġi meqjusa għajr dik magħrufa bħala *actio æstimatoria* li hija intiża sabiex tingħabar lura parti mill-prezz imħallas għall-oġġett li jinstab li huwa difettuż. L-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. Ovvjament, f'dan il-każ, ladarba r-Rikorrenti ddikjaraw li jridu jżommu l-madum, ma jistax jiġi terminat il-kuntratt u r-rimedju li jibqa' disponibbli lilhom huwa dak tar-riduzzjoni proporzjonata fil-prezz.

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-

qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi a bażi tal-premess, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal qiegħed jistabilixxi *arbitrio boni viri* l-ammont li għandu jiġi rifuż lir-Rikorrenti mill-azjenda intimata bħala "tnaqqis proporzjonat fil-prezz" fis-somma ta' €450.

**Deċizjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' erba mija u ħamsin Euro (€450).**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***